# Ir-rapport ta' l-eżaminatur ewlieni tal-Malti
# - Eżami tal-Malti -
# Dħul fil-*Junior Lyceum* 2001

Dan li ġej huwa r-rapport ta' l-eżaminatur ewlieni tal-Malti għall-eżami fil-kapxin ta' fuq. Dan ir-rapport huwa msejjes fuq l-opinjonijiet li għaddew l-eżaminaturi fuq l-istess tip ta' formola li hawn riprodotta hawn taħt.

| L-Ittra/In-numru tal-mistoqsija | L-opinjoni tal-eżaminaturi dwar il-mistoqsija | Kif wieġbu t-tfal il-mistoqsija | Kummenti oħra |
|---|---|---|---|
| A | • **Is-silta**<br>(i) qrib ħafna l-istudenti għaliex miktuba mit-tfal infushom<br>(ii) b'sentenzi ħfief u diretti.<br>(iii) fl-ewwel persuna<br>(iv) b'lingwaġġ u kostruzzjonijiet sintattiċi li jinsabu x'imkien bejn il-kelma mitkellma u l-kelma miktuba. (Dan fih it-tajjeb u l-ħażin tiegħu.)<br>(v) b'suġġett fantastiku li huwa qrib it-tfal | (i) Bħala regola s-silta tidher li ngħoġbot.<br>(ii) L-istudenti wieġbu tajjeb.<br>(iii) Il-mistoqsijiet referenzjali kienu aktar mill-mistoqsijiet inferenzjali u għalhekk it-tfal ma sabuhiex diffiċli biex isibu t-tweġiba.<br>(iv) Ħafna madanakollu fit-tweġiba tagħhom ma kinux kompluti f'dik li hija tweġiba.<br>(v) Xi wħud kienu traskurati fil-mod kif wieġbu.<br>(vi) Waħda mill-eżaminaturi kitbet dan il-kumment: "Kien hemm dawk il-kandidati li kkupjaw ħażin xi kliem mis-silta jew mill-mistoqsija stess; oħrajn taw tweġiba fejn l-ordni tal-kliem mhux dejjem kien jagħmel sens; kien hemm dawk li m'għarfux | Fid-dawl ta' dan kollu huwa importanti ħafna li t-test tal-komprensjoni jibda jingħata aktar importanza fit-tagħlim ta' l-ilsna. Dan mhux għal skop ta' komprensjoni biss. Taħriġ ta' dan it-tip għandu jservi biex (fil-klassi) it-tfal<br>(i) ikollhom iċ-ċans jitgħallmu jaqraw testi validi<br>(ii) jifhmu, janalizzaw u jsegwu kitba kontinwa<br>(iii) jgħarblu unitajiet lingwistiċi li mhux faċilment titgħallimhom minn ktieb ta' grammatika<br>(iv) jitgħallmu jaħsbu u jaslu għal konklużjoni permezz ta' l-inferenza<br>(v) jitgħallmu jikkupjaw sentenzi sħaħ tajjeb<br>(vi) jużaw il-punteġġjatura f'postha<br>(vii) jibnu kostruzzjonijiet sintattiċI b'ordni, loġika u koerenza<br>(viii) jiktbu ortografikament korrett fis-sentenzi u mhux fi kliem iżolati biss.<br><br>Fid-dawl ta' dan kollu mis-sena d-dieħla l-istudenti li jagħmlu dan it-taħriġ huma mistennija li: |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | f'liema persuna kellhom iwieġbu l-mistqosija. Kien hemm oħrajn li ħallew il-punteġġjatura barra jew punteġġjatura mitfugħa bl-addoċċ fis-sentenza. Ħafna studenti ħallew il-*full stop* ta' tmiem is-sentenza barra." | (i) jikkupjaw tajjeb, pulit, bla żbalji, b'mod sħiħ u bil-punteġġjatura f'postha. Fil-każ li dan ma jsirx jitnaqqsu l-marki.<br>(ii) Dan qiegħed isir bil-għan li tiddaħħal u tissaħħaħ il-kultura tat-tagħlim f'livelli ta' sintassi u kitbiet sħaħ aktar milli kliem għal riħhom.<br>(iii) Dan għandu jgħin fit-tagħlim inġenerali u mhux fil-Malti biss. |
| B | (i) Din il-mistoqsija hija valida ħafna għaliex tittratta sewwa sew l-aspett semantiku tal-lingwa.<br>(ii) Huwa importanti ħafna li t-tfal sa minn eta' żgħira jagħtu importanza lill-vokabolarju, l-idjoma, il-qawl, il-verbi frażjali eċċ.<br>(iii) Ħafna mit-tifsiriet tal-lingwa nsibuhom f'ġemgħat ta' kliem.<br>(iv) Aħna għadna nibdew inħarsu lejn il-lingwa bħala ġemgħat ta' kliem li flimkien ma' oħrajn isawru strutturi li jwasslu tifsira/iet.<br>(v) Sfortunatament ħafna għadhom iħarsu lejn il-lingwa bħala kliem maqtugħin għal rashom mingħajr l-ebda konnessjoni.<br>(vi) Illum nafu li t-tifsira tal-kliem mhijiex fil-kliem imma fil- | (i) Mhux il-kandidati kollha fehmu li l-kelma/l-idjoma kellha tittieħed mis-silta u għalhekk kien hemm min ivvintaha minn moħħu. Kien hemm oħrajn li kkupjaw kliem żejjed.<br><br>. | (i) Ħafna mill-eżaminaturi ħassew li l-idjoma, il-qawl u l-verb frażjali għal xi raġuni jew oħra ma humiex qegħdin jingħataw l-attenzjoni li jixirqilhom. Fid-dawl ta' dan huma jħossu l-ħtieġa li jkun hemm analiżi ta' siltiet għal skopijiet ta' dan it-tip, kif ukoll l-istħarriġ ta' ġemgħat ta' idjomi u qwiel f'kuntesti kulturalment validi. Dan għandu jgħin mhux biss il-Malti iżda l-idea ta' lingwa u l-analiżi tagħha b'mod ġenerali. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | konnessjonijiet bejn il-kliem u lilhinn minnhom. | | |
| Ċ | Eżerċizzju faċli | (i) Żbalji komuni kienu:<br>(a) żieda tal-partiċelli 'il' man-numri erbgħin/għoxrin; (b) taħlita ta' numri kardinali ma' dawk ordinali.<br>Eż: Ikun hemm min jiġi wieħed jew it-tieni;<br>(ċ) ħawdu "tliet" ma' "tlett"; (d) il-partiċella "il" li tinhemeż b'sing man-numru tnax, ittieħdet bħala artiklu u ntehmżet man-nom 'midalja'. | Għal darb'oħra ħafna eżaminaturi nnutaw li għalkemm ħafna mill-kandidati kitbu n-numri tajjeb mhux dejjem qatgħu l-*għ* fi kliem bħal *erbgħin* u *għoxrin*. |
| D | Waħda mill-eżaminaturi kitbet: "Dan l-eżerċizzju kien turija ċara ta' kemm l-istudenti mhux qed jitħarrġu sew fil-punteġġjatura, jew din mhux qed titqies bħala xi ħaġa importanti." | (i) Ħafna studenti għandhom nuqqas t'għarfien tal-punteġġjatura; oħrajn għalkemm fit-titlu kien hemm indikat 5 sinjali ta' punteġġjatura, żiedu ħafna aktar.<br>(ii) Meta l-istess paragrafu ġie kkupjat mill-ġdid, saru ħafna żbalji ortografiċi. | Dan l-eżerċizzju dwar il-punteġġjatura għandu jibda jingħata importanza aktar għaliex l-istess punteġġjatura titfa' dawl fuq kemm il-kandidati jkun qiegħed jifhem dak li jkun qiegħed jikteb jew jaqra. |
| E | (i) Ħafna eżaminaturi kienu tal-fehma li dan huwa mod prattikabbli kif wieħed jitgħallem u fl-istess ħin jiġi eżaminat kemm jaf grammatika f'kuntest. | Żbalji komuni:<br>(i) tħollija barrra tal-vokal tal-leħen ***i*** fil-kelma l-istilel<br>(ii) ma jibdlux il-vokali ***i*** f' ***j*** meta taħbat ma' vokali oħra. Eż.: F'din l-iskola isiru. . . .<br>(iii) il-partiċella ***l*** li tinhemeż | (i) L-istorja li fiha nsibu dan l-eżerċizzju, kif ukoll stejjer oħra li nsibu mxerrda tista' tgħid mal-karti kollha, għenu biex taw l-idea ta' tagħlim u assessjar f'kuntest ta' kitbiet kreattivi li għandhom isiru n-norma, aktar milli l-eċċezzjoni fil-'kontinuum' ta' tagħlim u assessjar. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | b'sing man-numru ħmistax, għaqqduha bħala artiklu man-nom sena<br>(iv) il-partiċella ***ma*** tan-negattiv tħalltet mal-prepożizzjoni ***ma'***<br>(v) l-artiklu ***d-***dinja nkiteb ***id-*** għalkemm segwa kelma li tispiċċa b'vokali<br>(vi) Barra minn hekk, kien hemm numru ta' żbalji ortografiċi, kif ukoll dawk l-istudenti li vvintaw kelma minn moħħhom mingħajr ma taw kas ta' l-istruzzjonijiet fil-parentesi. | |
| F | (i) Xi eżaminaturi kienu tal-fehma li eżerċizzju bħal dan ma kellux jingħata daqshekk importanza iżda kien ikun biżżejjed li kieku ntalbet mistoqsija waħda f'kuntest ta' test. | Żbalji komuni:<br>(i) Mhux l-istudenti kollha qed jaqraw it-titlu sew, minkejja li fih ingħata eżempju ta' kif għandu jinħadem l-eżerċizzju, għalhekk taw kelma oħra flok il-frażi. Eż.: *ommu/denbu/rasu* . .<br>(ii) Kien hemm dawk il-kandidati li daħħlu l-artiklu quddiem l-ewwel nom. Eż.: **<u>l-</u>**omm it-tifel; **<u>id-</u>**denb il-pagun. . .<br>(iii) il-kandidati sabu diffikulta` kif se jagħmlu l-istat kostrutt tal-frażijiet *'ix-xatba tal-ġnien'* u *'il-ħajja tal-qattus'*. | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Ġ | Eżerċizzju faċli ħafna. | Il-biċċa l-kbira tal-kandidati wieġbu tajjeb. | |
| G | Ħafna mill-eżaminaturi qiesu dan l-eżerċizzju bħala eżerċizzju tajjeb kif wieħed jittestja l-grammatika. | L-istudenti tnaqqsulhom il-marki għal żbalji ortografiċi, aktar milli għax ma kinux jafu jwieġbu dak mitlub minnhom. Madankollu jibqa' dak in-numru ta' studenti li ma jagħtux kas ta' dak li jkun mitlub fil-parentesi. | |
| Għ | Dan kien eżerċizzju ħafif meta tqis li l-partiċelli ġew mogħtija. | Uħud mill-kandidati kkupjaw il-partiċelli ħażin; ħafna drabi ħallew l-artiklu barra. | F'eżerċizzji ta' dan it-tip l-istudenti m'għandhomx jingħataw it-tweġibiet iżda għandhom isibuhom huma. |
| H | Dan hu l-ewwel eżerċizzju ta' kitba kontinwa barra l-komponiment, bid-differenza li f'dan it-taħriġ il-kandidati kienu ggwidati pass pass x'għandhom jinkludu fl-ittra. F'dan it-taħriġ il-kandidati kellhom juru ħila fil-komunikazzjoni tajba; preżentazzjoni xierqa u stil u strutturi ta' sentenzi effettivi. | Żbalji komuni:<br>(i) id-data meta nkitbet l-ittra ġiet imniżżla bħala d-data ta' meta se jsir il-*party*;<br>(ii) flok id-data kien hemm min kiteb il-ħin;<br>(iii) flok it-tislima kien hemm min kiteb il-post fejn se jsir il-*party*;<br>(iv) fil-kontenut ta' l-ittra kien hemm dawk il-kandidati li taw informazzjoni irrelevanti bħal x'għandhom jilbsu Denis u Martina għall-*party*. | (i) Dan it-tip ta' eżerċizzju kif ukoll kitbiet oħra ta' xeħta funzjonali għandhom isiru n-norma aktar milli l-eċċezzjoni tat-tagħlim tal-lingwi fil-livell primarju. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | (v) Għalkemm il-kandidati kienu ggwidati x'għandhomn iniżżlu fl-ittra, kien hemm min ivvinta kemm felaħ tant li jidher biċ-ċar li t-titlu ma nqarax. Eżempji: Denis u Martina ġew mistiedna għall-festa tar-raħal/għall-*party* tal-Griżma;<br>(vi) Denis u Martina ġew mistoqsija kif inhuma sejrin l-Amerika;<br>(vii) inkitbet ittra lil San Pawl jew ittra ta' ringrazzjament lill-omm ta' dak kollu li għamlet u qed tagħmel ma' Eric. .<br>(viii) Bosta kienu l-kandidati li ma rrealizzawx li l-ittra kellha tkun miktuba fil-Maskil (minn Eric); | |
| Ħ | (i) Eżerċizzju ieħor faċli fejn kollox hu spejgat fit-titlu. | (i) Xi kandidati donnhom mhux qed jaqraw it-titlu u jixtarruh sew. Flok irranġaw il-kliem imħawwad f'ordni tajjeb, kien hemm min naqqas u żied kif ried. | |
| I | (i) F'dan it-taħriġ l-istudenti kienu ggwidati x'għandhom jiktbu permezz tal-punti mogħtija, għalkemm naħseb li xi kultant dawn il-punti setgħu llimitaw lill-istudenti. | (i) Wieħed mill-eżaminaturi, li kien rappreżentattiv ta' dak li qalu eżaminaturi oħra kiteb dan li ġej: "Kien hemm min għamel komponiment tajjeb, iżda l-kandidati li wrew | (i) It-tagħlim tal-komponiment għandu dejjem jibqa' jingħata importanza.<br>(ii) L-għalliema għandhom jagħmlu użu mill-Iskema ta' l-Immarkar ta' kif jiġi kkoreġut li nsibuha f'dan ir-rapport.<br>(iii) L-istudenti għalhekk għandhom ikunu jafu |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | (ii) Waħda mill-eżaminaturi kitbet dan li ġej. Bosta kienu l-kandidati li għażlu nru. 5 (41%); segwit min-numri 1 (32%); 4 (14%); 2 (8%) u 3 (5%).” | nuqqas ta’ ħila fil-binja tal-komponiment kienu aktar numerużi. L-ideat ta’ dawn kienu fqar.<br>(ii) Il-kandidati għażlu l-aktar komponiment nru 5. għalkemm uħud ħarġu barra mis-suġġett għax qagħdu jiddeskrivu x’għamlu qabel ma bdiet nieżla x-xita.<br>(iii) Bosta minn dawk li għażlu nru. 1 tkellmu fuq il-futbol.<br>(iv) Dawk li għażlu nru. 2 kienu kapaċi jaddottaw terminoloġija Ingliża b’ortografija Maltija *eż. nillowdja*.<br>(v) Il-kitba tal-komponiment m'għandux ikun wieħed mekkaniku.<br>(vi) Xi kandidati li għażlu nru. 3 irrakkuntaw l-istorja ta’ ktieb li qraw mingħajr ma kkummentaw għaliex iħobbu/ma jħobbux jaqraw.<br>(vii) Xi drabi l-għadd tal-kliem ma ġiex irrispettat.<br>(viii) L-akbar nuqqas kien fl-ortografija u fis-sintassi | sewwa sew kif inhuma mqassmin il-marki tagħhom u mhux jibqgħu jingħataw marka waħda li tiġbor fiha kollox. Huwa b’dan il-mod biss li l-istudenti jkun jaf fejn hu dgħajjef, fejn hu tajjeb u fejn jista’ jmur aħjar. Dan għandu jgħin għal assessjar kumulattiv kif ukoll summattiv.<br>(iv) L-awtoassessjar ukoll għandu jsir parti mill-prattika tal-klassi.<br>(v) Il-kitba tal- komponiment m'għandux ikun wieħed mekkaniku. |

**Kumment ġenerali**

(i) Il-karta kienet pjuttost ħafifa
(ii) Il-karta kienet ipprintjata tajjeb ħafna u kellha tinftiehem minn kulħadd.
(iii) L-użu ta' l-istejjer matul il-karta kollha kien pass innovattiv. Dan il-pass juri kif it-tagħlim u l-assessjar tiegħu jistgħu ikunu pjaċevoli u kreattivi fl-istess ħin.
(iv) L-użu ta' dawn l-istejjer jagħtu sens ta' validita' lil kull tip ta' tagħlim u assessjar, u l-istudent, mingħajr ma jkun jaf jibda jifhem, li huwa mhux qiegħed hemm sempliċiment biex jiġi ttestjat.
(v) L-eżami u għalhekk it-tagħlim b'dan il-mod jibdew isiru eżerċizzju ta' esplorazzjoni aktar minn kull ħaġa oħra.
(vi) B'dan il-mod titnaqqas id-distanza bejn l-eżaminatur/l-għalliem u l-istudent/a
(vii) Wieħed mill-eżaminaturi qal: "Mill-pakketti li kelli jien jidher li l-istudenti kienu ppreparati tajjeb." Fl-istess ħin żied jgħid: "Jidher li wħud mill-istudenti huma "ggwidati" għall-eżami speċjalment fejn jidħol il-komponiment. Ta' sikwit issib li wħud ikollhom l-istess ideat. Dan huwa ħażin u ħażin ħafna. Qegħdin noqtlu l-kreattivita` mill-istudenti sa minn eta' żgħira wisq.
(viii) Eżaminatriċi kitbet: "B'għafsa ta' qalb ikolli nammetti li l-binja tas-sentenza (barra mill-ortografija) hija waħda li jixirqilha tkun aħjar. Bħal qisu "aħna l-għalliema" aktar ħsiebna biex nġibu t-tfal konxji tal-kliem, milli tas-sentenzi u sussegwentement tal-paragrafi u tal-linja ta' l-istorja eċċ. Is-sensil, l-irbit u l-organizzazzjoni tal-ħsieb b'dan il-mod qegħdin ibatu u dan jirrifletti fil-mod diżorganizzat kif ħafna drabi naħsbu."

**Suġġerimenti għall-karti ta' l-eżamijiet futuri**

(i) Wieħed mill-eżaminaturi rrimarka li dan l-eżami għandna nirreferu għalih bħala *Il-Malti* u mhux *Malti*.
(ii) Wieħed mill-eżaminaturi kiteb: "L-għalliema għandhom jaraw li joħolqu ċertu dixxiplina kif it-tfal iwieġbu (kaligrafija, preżentazzjoni, punteġġjatura) Il-mentalita' li fil-Malti (donnu!) xejn mhu xejn trid tinqata'.
(iii) Eżaminatriċi kitbet: "Għandha tingħata attenzjoni xierqa għall-*handwriting.*"
(iv) **Mis-sena d-dieħla l-istudenti għandhom jiġu infurmati ċar u tond fil-karta ta' l-eżami li l-iżbalji ta' l-ortografija, is-sintassi (sentenzi), l-ikkupjar ħażin, in-nuqqas ta' punteġġjatura u anke l-kitba kif ġie ġie jiġu ppenalizzati. Għalhekk huwa importanti ħafna li fl-iskejjel tal-Primarja l-kandidati ta' dan l-eżami jibdew jiġu ppreparati fuq linji aktar stretti. B'dan il-mod it-tfal jibdew jiġu mħarrġa fil-ġmiel tal-kitba fl-aspetti varji tagħha.**
(v) Għandhom jintużaw testi 'awtentiċi' bħal reklami, rapporti eċċ.
(vi) Waħda mill-eżaminaturi kitbet dan li ġej:
Fit-taħriġ dwar silta/għarfien it-test għandu jitnaqqas ammont speċifikat ta' marki għal:
(a) nuqqas ta' punteġġjatura - (2 marki mit-total)
(b) tħollija barra ta' sinjali fl-alfabett Malti (fl-ittri ġ/ċ/ż/ħ/għ - (2 marki mit-total)

(ċ) ikkupjar ħażin u struttura ħażina tas-sentenza (nofs marka)
(d) tweġiba f'persuna żbaljata (nofs marka)
Dawn il-linji ta' gwida qablu magħhom il-biċċa l-kbira ta' l-eżaminaturi u għalhekk huwa importanti li l-istudenti jingħataw fil-klassi jagħmlu l-ħila tagħhom biex jipperfezzjonaw il-kitba tagħhom. Dan għandu jgħin fi ksib il-ħiliet tal-qari u l-kitba mhux biss fil-Malti iżda fis-suġġetti kollha, anke dawk li ma humiex miktuba bil-Malti.

(vii) Wasal iż-żmien li t-tagħlim jittieħed aktar bis-serjeta' mhux biss għal skop ta' Malti iżda anke għal skop ta' ksib ta' lingwa b'mod ġenerali.

(viii) Wieħed mill-eżaminaturi kiteb: "Prosit u prosit għall-preżentazzjoni tal-karta li għandha tkun ta' eżempju lil għalliema kif għandhom jippreżentaw ix-xogħol fil-klassi."

(ix) L-aktar kummenti rikurrenti fir-rapporti ta' l-eżaminaturi kien dan: **"Issir enfasi mill-għalliema fil-livell primarju dwar l-importanza tal-punteġġġjatura, l-ortografija u s-sintassi."**

Fid-dawl ta' dan kollu huwa importanti li dan ir-rapport flimkien mal-karta ta' l-eżami jkunu aċċessibbli għall-għalliema kollha b'mod speċjali fil-ħames u s-sitt klassi tal-Primarja u l-għalliema jistudjaw jifluh flimkien ma' l-istudenti biex b'hekk inkunu f'qagħda li t-tfal ;jibdew deħlin f'dak li jissejjaħ id-'discourse' ta' l-għalliema u l-eżaminaturi. B'dan il-mod dan ir-rapport jibda jkollu l-effett fuq it-tagħlim.